MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 197/2003

Il-Pulizija
(Spettur A. Mamo)
Vs

Michael Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe' fl-14 ta' Gunju 2003, u fil-jiem ta' wara bhala ufficjal jew impjegat pubbliku mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal xi vantagg privat tieghu ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom, u cioe' ghamel uzu

hazin minn cekk ta’ LM143 moghti lilu minn Emanuela Mifsud bhala pagament tat-Taxxa w dan bi skur ta’ l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel flasifikazzjoni b’firem foloz, jew b’tibdil fl-atti, fi stritturi, jew f’firem, jew billi dahhal isem ta’ persuna mhux vera, jew b’kitba maghmula jew imnizzla f’registri jew f’atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) Meta kiteb l-atti li dahlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel partijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux, bi ksur ta’ l-Artikolu 180 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija flaza, bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5) Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6) B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM143 bi hsara ta’ Emanuela Mifsud, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-Gvern ta’ Malta w ohrajn bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7) Bhala ufficjal pubbliku appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu flus ta’ Emanuela Mifsud li jammontaw ghal LM143, liema flus gew moghtija lilu bhala ufficjal pubbliku mad-Dipartiment

tat-Taxxi Interni, ghal hlas ta’ Taxxa ta’ Emanuela Mifsud, liema flus gew fdati w ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8) Kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati filwaqt li kont ufficjal jew impjegat pubbliku li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 t’Ottubru, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 179, 180, 188, 189, 309, 310, 293, 294, 217, 141, 17, 31 tal-Kap. 9 illiberatu taht l-Artikolu 22 tal-kapitolu 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’perjodu ta’ sena w addizjonalment applikat l-Artikolu 24 tac-citat Kap. 446 fejn ordnatlu li jhallas lill-Emanuel Mifsud is-somma ta’ LM180 zmien mhux aktar tard minn gimgha. Rigward l-interdizzjoni perpetwa mposta ai termini tal-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 u fit-termini tal-Artikolu 10(6) tal-istess Kapitolu ordnat it-twaqqif immedjat taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 t’Ottubru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija w l-ordni taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, b’dan li l-ordni ghat-twaqqif tal-interdizzjoni perpetwa tigi revokata w minflok din l-Onorabbli Qorti timponi ukoll l-interdizzjoni generali w perpetwa skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti, fuq ammissjoni tal-akkuzat, fid-diskrezzjoni taghha, imponiet ordni taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, izda naqset li f’kaz li hi stess iddefeniet bhala “serjissimu”, timponi l-interdizzjoni generali w perpetwa skond l-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali, mentri l-piena f’dan il-kaz kellha wkoll tinkludi l-interdizzjoni.

Fliet l-atti kollha proceswali;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur;

Peress illi jidher illi skond l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 l-interdizzjoni generali perpetwa kellha tigi applikata mill-Ewwel Qorti u l-Ewwel Qorti ma kellhiex diskrezzjoni u tnehhi l-istess interdizzjoni fis-sentenza taghha, izda l-procedura korretta, se mai,  kellha tkun li wara li l-istess interdizzjoni tigi kkomminata fis-sentenza, umbaghad wara isir rikors skond l-Artikolu 10(6) tal-Kap. 9 – haga li ghada tista’ ssir anki f’dan l-istadju – sabiex tali interdizzjoni tieqaf jekk ikun hemm ragunijiet tajba li jingiebu ghas-sodisfazzjoni ta’ dik il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha hlief ghar-rigward fejn ordnat it-twaqqif immedjat tal-interdizzjoni generali perpetwa mposta ai termini ta’ l-Artikolu 127 u minflok timponi din l-interdizzjoni generali perpetwa fuq l-appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------